

Il-Ħamis 9 ta' Settembru 2010

5. Jilqa' l-applikazzjoni ta' metodi u teknoloġiji avvanzati tal-ġestjoni tal-ilma fl-Iżrael, u jħeġġeġ l-użu ġust ta' dawn il-metodi u t-trasferiment tat-teknoloġiji involuti lejn il-pajjiżi kollha tar-reġjun; jistieden lill-komunità internazzjonali, inkluża l-Unjoni Ewropea, biex tintensifika l-isforzi sabiex jingħata aktar sostenn finanzjarju u tekniku lill-proġetti kooperattivi f'dan il-qasam;
6. Jistieden lill-gvernijiet tal-Iżrael u tal-Ġordan u lill-Awtorità Palestinjana biex jaħdmu fi spirtu ta' kooperazzjoni bil-għan li jsalvaw il-medda ta' isfel tax-Xmara Ġordan u jħeġġiġhom jistabbilixxu, bl-appoġġ tal-Unjoni Ewropea, Kummissjoni għall-Baċir tax-Xmara Ġordan, li tkun miftuħa għal pajjiżi oħrajn li jinsabu fuq ix-xatt tax-xmara;
7. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE biex iħeġġu u jappoġġaw pjan komprensiv biex titrangha d-devastazzjoni tax-Xmara Ġordan u biex ikomplu jagħtu sostenn finanzjarju u tekniku għar-riabilitazzjoni tax-Xmara Ġordan, u b'mod partikolari l-medda ta' isfel tagħha, fl-ambitu wkoll tal-inizjattiva tal-Unjoni għall-Mediterran;
8. Jerġa' jenfasizza li l-kwistjoni tal-ġestjoni tal-ilma, b'mod partikolari d-distribuzzjoni ġusta tal-ilma skont il-bżonnijiet tal-popli kollha li jgħixu fir-reġjun, hija ta' importanza enormi għal paċi u stabilità dejjiema fil-Lvant Nofsani;
9. Huwa tal-fehma, fl-istess ħin, li għandha tiġi inkluża referenza ċara u speċifika għall-proċess ta' riabilitazzjoni ta' din iż-żona fil-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat imfassla mal-Iżrael, il-Ġordan u l-Awtorità Palestinjana; jirrakkomanda bil-qawwa lill-Kummissjoni biex tniedi studju konġunt dwar ix-Xmara Ġordan;
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kwartett għal-Lvant Nofsani, lill-Knesset u lill-Gvern Iżraeljan, lill-Parlament u lill-Gvern tal-Ġordan, lill-Parlament u lill-Gvern tal-Libanu, lill-President tal-Awtorità Nazzjonali Palestinjana, lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan u lill-Parlament u lill-Gvern tas-Sirja.

Kenja: In-nuqqas ta' arrest tal-President tas-Sudan Omar al-Bashir

P7_TA(2010)0315

Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2010 dwar il-Kenja: in-nuqqas li jiġi arrestat il-President Omar al-Bashir

(2011/C 308 E/15)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-kriżi tad-Darfur fis-Sudan,
- wara li kkunsidra l-mandati ta' arrest tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) kontra l-President Sudaniż Omar al-Bashir għal reati kontra l-umanità u l-ġenoċidju,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni 1593/2005 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (NU),
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli tal-UE tat-22 ta' Lulju 2010 u l-20 ta' Awwissu 2010 li jħeġġu liċ-Ċad u lill-Kenja, rispettivament, biex jikkooperaw mal-QKI,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru ICC-02/05-01/09 tal-Kamra Preliminari tal-QKI tas-27 ta' Awwissu 2010 biex tinforma lill-KSNU u lill-Assemblea tal-Istati Partijiet għall-Istatut ta' Ruma dwar il-preżenza ta' Omar al-Bashir fit-territorju tar-Repubblika tal-Kenja,

Il-Ħamis 9 ta' Settembru 2010

- wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma,
 - wara li kkunsidra d-diversi ftehimiet ta' sħubija, bħall-Ftehim ta' Cotonou bejn l-UE u l-Istati Afrikani, li jstipulaw li l-kummerċ u l-ghajjnuna huma soġġetti għal kundizzjonijiet li jiffurmaw parti mill-istat tad-dritt,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 4 tal-Att Kostituttiv tal-Unjoni Afrikana, li jirrifjuta l-impunità,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Gvern tal-Kenja stieden u laqa' lill-President Omar al-Bashir tas-Sudan biex jattendi ċ-ċerimonja fis-27 ta' Awwissu 2010 fejn ġiet promulgata l-Kostituzzjoni tal-Kenja, meta kien konxju li kien ġie akkużat mill-QKI,
- B. billi fl-4 ta' Marzu 2009 l-QKI ħarġet mandat ta' arrest internazzjonali għall-President al-Bashir għal reati kontra l-umanità (il-qtil, il-qerda, id-deportazzjoni, it-tortura u l-istupru) u reati tal-gwerra (l-ippjanar ta' attakki fuq persuni ċivili u serq), u l-President al-Bashir huwa soġġett ukoll għal ordni tat-12 ta' Lulju 2010 li takkużah għal "ġenoċidju permezz tal-qtil, il-ġenoċidju permezz ta' ħsara fiżika u mentali gravi u ġenoċidju permezz tal-impożizzjoni intenzjonat fuq kull grupp fil-mira, ta' kundizzjonijiet tal-ħajja kkalkulati biex jinqered l-aspett fiżiku tal-grupp",
- C. billi l-Kenja, kif ukoll 31 pajjiż Afrikan ieħor, huma firmatarji tal-Istatut ta' Ruma, li jimponi l-obbligu fuqhom biex jarrestaw kull persuna li tkun mfittxija mill-QKI u biex itellgħuha l-Qorti jew jirrifjutaw aċċess għat-territorju tagħhom għall-persuna,
- D. billi l-pajjiżi li rratifikaw il-Konvenzjoni għall-Ġenoċidju tan-NU tal-1948 għandhom l-obbligu li jikkoo-peraw mal-QKI, anki jekk mhumie x firmatarji tal-Istatut ta' Ruma,
- E. billi s-Sudan, Stat Membru tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod persistenti rrifjuta li jikkoopera mal-QKI, biex b'hekk miljuni ta' vittmi ta' atroċitajiet tal-gwerra fis-Sudan ġew imċaħħda mill-verità u l-ġustizzja, u partikolarment fir-reġjun Darfur,
- F. billi l-Prim Ministru tal-Kenja kien ammetta li l-fatt li stieden lill-President al-Bashir kien żball u li n-nuqqas tal-awtoritajiet tal-Kenja biex jarrestawh jikkostitwixxi ksur serju tal-obbligi internazzjonali tal-Kenja mhux biss skont l-Istatut ta' Ruma iżda wkoll skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, inkluż il-Kostituzzjoni l-ġdida, li tagħraf l-applikabilità diretta tal-liġi internazzjonali,
- G. billi Kofi Annan, l-ex Segretarju Ġenerali tan-NU u l-medjatur attwali fil-kriżi tal-Kenja, talab li l-Kenja tagħmel il-pożizzjoni ċara dwar l-QKI u tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha lill-QKI,
- H. billi l-Kenja għandha l-obbligu ċar li tikkoopera mal-QKI rigward l-infurzar ta' mandati ta' arrest bħal dawn, skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1593, li permezz tagħha l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jħeġġeġ lill-Istati kollha u l-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali l-oħra biex jikkoo-peraw bi sħiħ mal-QKI, kif ukoll skont l-Artikolu 87 tal-Istatut tal-Qorti, għal liema r-Repubblika tal-Kenja hija Stat Parti,
- I. billi l-President al-Bashir żar iċ-Ċad, li wkoll huwa firmatarju għat-Trattat li jistabbilixxi l-QKI, minkejja li ma jikkonformax mal-obbligi tiegħu,
- J. billi, minn mindu ġie akkużat, il-President tas-Sudan żar ukoll l-Eġittu, il-Libja, l-Arabja Sawdija, l-Eritrea, il-Qatar, iż-Żimbabwe u l-Etjopja,

Il-Ħamis 9 ta' Settembru 2010

- K. billi f'Lulju 2009 l-Unjoni Afrikana saħansitra ħabbret li l-Istati Membri tagħha ser jirrifjutaw li jikkooperaw, kif meħtieġ skont l-Artikolu 98 tal-Istatut u billi tenniet din il-pożizzjoni wara l-akkuż ta' Omar al-Bashir għal ġenoċidju, u sussegwentement, permezz ta' riżoluzzjoni adottat b'kunsens fis-27 ta' Lulju 2010 fis-Samit ta' Kampala tagħha, talbet lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jissospendi l-prosekuzzjoni tal-President tas-Sudan skont l-Artikolu 16 tal-Istatut,
- L. billi jiddispaċiħ dwar ir-rifjut tal-Unjoni Afrikana biex ikun permess it-twaqqif ta' uffiċċju tal-QKI fl-UA kif ukoll t-theddida tagħha li tikkastiga lil dawk l-Istati Afrikani li ma jirrispettawx id-deċiżjoni tal-UA,
- M. billi l-ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra għandhom jiġu kkastigati u billi t-trattament tal-każ tal-President al-Bashir juri eżempju ċar tal-isforzi biex tiġi miġġielda l-impunità tal-Kapijiet tal-Istat attwali,
1. Jesprimi d-dispaċir tiegħu dwar id-Deċiżjoni tal-Kenja biex tistieden lill-President Omar al-Bashir biex jattendi l-iffirmar tal-Kostituzzjoni l-ġdida, li ġġib magħha era ta' governanza demokratika ġdida fil-pajjiż;
 2. Jistieden lill-membri tal-komunità internazzjonali, inklużi lill-pajjiżi Afrikani kollha, biex jiżguraw ir-responsabbiltà sħiħa għal reati li jitwettqu kontra l-liġi internazzjonali, partikolarment fis-Sudan;
 3. Jistieden lill-Kapijiet tal-Istat Afrikani u lill-Gvernijiet li huma firmatarji tal-Istatut ta' Ruma biex jonoraw l-impenji tagħhom u jikkooperaw mal-QKI fl-investigazzjonijiet tagħha dwar ir-reati tal-gwerra, ir-reati kontra l-umanità jew il-ġenoċidju;
 4. Jenfasizza li l-QKI għandha d-dmir li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha b'mod imparzjali u universali, inkluż fil-pajjiżi tal-Punent, u li r-rispett għad-deċiżjonijiet tagħha huma kruċjali għall-kredibilità u l-azzjoni futura tagħha;
 5. Jiddispaċiħ li ċerti membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU mhumix firmatarji tal-Istatut ta' Ruma li jistabbilixxi l-QKI;
 6. Jiddeplora l-pożizzjonijiet adottati mill-Unjoni Afrikana u l-Lega tal-Istati Għarab billi rrifjutaw li jikkooperaw mal-QKI u jistieden lill-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea biex jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li dan il-punt jitqiegħed fuq l-aġenda fis-Samit li jmiss UA/UE;
 7. Jistieden lill-Unjoni Afrikana biex tirrevedi l-pożizzjoni tagħha u toponi l-impunità, l-inġustizzja, ir-reati tal-gwerra, ir-reati kontra l-umanità u l-ġenoċidju;
 8. Jitlob biex tintemm l-impunità għar-reati kollha li twettqu waqt il-gwerra fis-Sudan, u jispera li l-President al-Bashir ma jidmexx ma jittella' l-QKI fl-Aja – fejn jibbenefika mid-drittijiet li ttiħ il-liġi internazzjonali – bħala parti mill-istabbiliment mill-ġdid tal-ġustizzja meħtieġ, l-istat tad-dritt u r-rispett għall-vittmi ta' dawn ir-reati;
 9. Jistieden lill-President u lill-Gvern tal-Kenja biex jaffer maw mill-ġdid l-impenn tagħhom u l-kooperazzjoni tagħhom mal-QKI, inkluż rigward l-atti ta' vjolenza li segwu l-elezzjonijiet tal-2007 u l-2008;
 10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Qorti Kriminali Internazzjonali, lill-Gvern tal-Kenja u lill-parlamenti u l-gvernijiet kollha tal-IGAD.
-